MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 410/2002

**Victor u Josephine konjugi Cassar u b'digriet tat-8 ta' Jannar 2003 l-atti gew trasfuzi f'isem Karen Cassar u l-attrici Josephine Cassar f'isimha proprja kif ukoll bhala legittima rapprezentanta ta' uliedha minuri Giannella Cassar u Jessica Cassar**

**Vs**

**Joseph u Josephine konjugi Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' erbat elef u disa' mitt lira Maltin (Lm4,900) rapprezentanti arretrati dovuti bejn mis-7 ta' Lulju 2001 sal-15 ta' Gunju 2002, bilanc minn somma akbar mislufa lilkom u ripagabbli bir-rata ta' mitt lira Maltin(Lm100) fil-gimgha.Bl-ispejjez u l-imghax sad-data tal-hlas effettiv u l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u li biha (fol 9 ibid) eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kollha kontra l-attur, stante li l-istess talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi kif jista jigi ppruvat ampjament waqt s-smiegh tal-kawza l-atturi kienu ineffetti self u somma flus brevi manu illum thallset kollha u inoltre l-konvenuti hallsu oltre d-doppju kwantu interessi b'rata esagerata u kontra l-ligi.
3. Illi l-konvenuti mhux talli m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu tali ammont li huwa ghal kollox mhux dovut izda ghandhom jigu ineffetti rimporsata ta'dak kollu li huma hallsu in eccess.
4. Illi ghandhu jirrisulta ampjament illi l-mod kif sar s-self u kif kienu jsiru l-pagamenti l-konvenuti kienu in effetti vittmi ta' usura sfaccata u minghajr skruplu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet Taghha moghti fit-8 ta' Jannar 2003 (fol 13 u fol 14 ibid) in rigward il-legittimazzjoni tal-atti wara l-mewt tal-attur Victor Cassar.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali n-noti rispettivi tal-partijiet a fol 63 u fol 79 et seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, minhabba n-natura tal-eccezzjonijiet in esam minn fejn jidher li l-konvenuti eccepew il-pagament tal-ammont kollu misluf lilhom, saret l-inversjoni, tal-provi u, difatti, beda biex jixhed <u>l-istess konvenut</u> (fol 16 u fol 19 et seq ibid) u dan beda billi kkonferma illi matul l-1997, kien issellef "xi flus" minghand l-attur. Illum mejjet, b'kollox "<u>madwar Lm15,000</u>". Dan is-self kien sar verbalment minghajr ebda kitba, fi zmienijiet differenti ghar-ragunijiet specifikati fl-istess xhieda. Difatti hu jsostni illi l-ewwel kien issellef Lm4,000 imbaghad Lm3,000 segwenti bi Lm3,000 u fl-ahhar nett madwar Lm2,000, filfatt ammontanti ghal <u>Lm12,000</u>. Dawn il-flus "inparte" kienu inghataw lilu mill-

attur permezz ta’ zewg jew tlett “cheques” mahrugin b’impost totali ta’ Lm5,000. Dwar il-hlas, il-konvenut jsostni li kellhom isiru pagamenti settimatali ta’ Lm100. Pero l-konvenut jghid ukoll illi, kull gimgha, hu kien jhallas, fil-bidu Lm130 liema ammont sussegwentement zdied ghal Lm140, dejjem fil-gimgha. Dwar l-istess pagament, jidher li kienu nhargu, ukoll, kambjalijiet u “Fil-bidu l-attur kien, kull meta jiena nhallas, jaghtuni l-kambjala”. Difatti, l-konvenut esebixxa a fol 23 sa fol 28 fotokopja ta’dawn il-kambjalijiet u specifika li oltre dan ma setax jsib aktar. Dwar dawn hu semma illi fil-bidu kien jhallas ir-rati kull gimgha izda “eventwalment bdejt nhallas kull xahar (u) filfatt l-attur ma bediex jaghti lura l-kambjalijiet iffirmati minnu “avolja kien jitlobhomli”. Inoltre ma kienux jinghata ircevuta u meta kien jhallas, mensilment, il-pagamenti kienu saru Lm140 fil-gimgha b’kollox Lm560 fix-xahar u “...f’xi okkazjonijiet l-attur kien heddidni ukoll u qalli illi ried ... (Lm700)”. Wara li spjega x’kienu r-ragunijiet ta’ dan is-self li sar fl-1997 ammontanti ghal Lm15,000, il-konvenut sostna illi kien hallas lura madwar Lm30,000.

Hawnhekk hu esebixxa ittra li ntbaghtet esebiti a fol 29 li permezz taghha fl-1 ta’ Ottubru 2001, il-konvenut kien gie mitlub jhallas Lm17,950 bhala self. Pero il-konvenut avolja ma kien zamm notamenti dwar hlasijiet jsostni li sad-data ta’ din l-ittra, hu kien di gja hallas Lm25,000 u wara l-istess ittra kien hallas ulterjorment Lm3,000 (ara ukoll ix-xhieda tal-konvenuti Josephine Zammit a fol 34 et seq ibid u ta’ hu l-konvenut Victor Zammit a fol 38 u fol 39 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-attrici Josephine Cassar (fol 41 u fol 52 et seq ibid) ikkonfermat illi zewgha, ormai mejjet, kien jsellef flus lill-konvenut izda qalet ukoll « … l-konvenut nghid ukoll li kien hallas ukoll parti sostanzjali ta’ dawn il-flus. Pero, f’daqqa wahda waqaf u ma hallasx aktar”. Bhala prova li kien hemm bilanc ghadu dovut mill-konvenut, hi qalet illi fil-pussess taghha “... ghandi kambjalijiet fil-pussess tieghi”. Inoltre, hi kellha fil-pussess taghha kotba li juru kemm kienu saru pagamenti mill-konvenut. Difatti, l-attrici

esebiet diversi fotokopji ta’ “cheques” li permezz taghhom il-konvenut kien inghata l-flus mislufa lilu, liema “cheques” (a fol 57 u fol 58) juru ammont totali ta’ Lm28,600. Dwar l-istess “cheques”, pero jigi notat illi tnejn minnhom inhargu favur certu Charles Micallef u Nicholas Zammit. Wara li jitnaqqas l-impost ta’ dawn iz-zewg “cheques” l-ammont totali moghti lill-konjugi Zammit jasal sa Lm22,600. Dwar id-dati taghhom, dawn jmorru mit-12 ta’ Mejju 1998 sal-11 ta’ Marzu 1999. Inoltre, fis-6 ta’ Dicembru 200 u b’data ta’ maturita bhala is-6 ta’ Mejju 2004, Joseph Zammit, il-konvenut kien ffirmaw kambjala b’import ta’ Lm19,450, accettata ukoll mill-konvenuta. Minn dan l-ammont, il-konvenut kien hallas biss, Lm2,000 (ara fol 56ibid) u,meta nftethet il-kawza in esami, kienu skadew rati ammontati ghal Lm5,000.

Ikkunsidrat

Illi, dawn huma l-provi in esami, u a bazi taghhom din il-Qorti qed tigi mitluba li tilqa’ jew tichad it-talba attrici li testwalment tghid, bhala motivazzjoni “bilanc minn somma akbar mislufa lilkom, u repagabbli bir-rata ta’ mitt lira fil-gimgha “u dawn bhala “... arretrati dovuti (bejn) mis-7 ta’ Lulju 2001 sal-15 ta’Gunju 2002”.

Minn esami tal-provi,jidher car illi l-ammont mitlub qed jirreferi ghall-kambjala esebita in atti a fol 55 liema strument kreditizju jimmatura fis-6 ta’Mejju 2004 cjoe kwazi sentejn wara d-data tal-presentata tal-avviz in esami. Illi hu minnu illi l-konvenuti jaqblu illi kien sar self ta’flus lilhom da parti tal-attur liema self, bhala ammont gie pruvat permezz tac-“cheques” li huma esebiti a fol 57 u 58, li kien jammonta ghal Lm22,600. Dwar dan l-ammont, jinghad ukoll li kienu inhargu diversi kambjalijiet li “inparte” gew esebiti mill-konvenut (a fol 23 et seq ibid) stante li kienu inghata lura lilu mal-pagament rateali li jkun sar. Dawn, b’kollox, juru ammont totali ta’Lm2,280. Dwar dan il-konvenut jsostni li kien ghamel pagamenti ulterjuri izda jigi sottolineat illi hu ma kien jzomm l-ebda notament jew dokumentazzjoni dwar dawn il-pagamenti u lanqas kien jkun hemm il-hrug opportuna ircevuta. Dwar l-istess punt, l-attrici meta xehdet kienet qalet illi kien ghad hemm

kambjalijiet fil-pussess taghha, liema kambjalijiet, izda, qatt ma gew esebiti, avolja qalet li ser taghmel dan.

Ikkunsidrat

Illi, pero, dan il-kaz gie pjuttost komplikat mill-kambjala gja msemmija u esebita in atti a fol 55. Din turi mhux biss li hemm bilanc dovut favur l-atturi, ammontanti ghal Lm19,450 li minnu kien thallas Lm1,500 biss, kif jidher a fol 56 ibid izda tindika ukoll, b’mod car, illi l-atturi u l-konvenut kienu intenzjonati sabiex issir morazzjoni a bazi tal-artikolu 1182 tal-Kodici Civili. Difatti, kieku tali intenzjoni ma tirrisultax, il-konvenut kien jkun soggett mhux biss ghal hlas tad-dejn l-antik izda wkoll ghal dak kreat permezz tal-kambjala in esami.

Ikkunsidrat

Illi, pero, tirrisulta ukoll komplikazzjoni ohra billi jidher illi, avolja din, il-kambjala kellha data ta’ maturita fis-6 ta’ Mejju 2004, cjoe f’data wara l-presentata tal-avviz in esami,jidher li kien sar ftehim illi l-konvenut kellu jhallas rati ta’ Lm100 fil-gimgha, kif jidher li beda jsir skond id-dokument fol 56 ibid. Filfatt jidher illi l-kawza in esami qed issir, u dan b’mod car a bazi ta’ dan il-ftehim verbalibilli qed jintalbu l-arretrati li skadew mis-7 ta’ Lulju 2001 sal-15 ta’ Gunju 2002. Tenut kont li l-ghazla tal-atturi hi permessa mill-ligi u in vista li mill-provi jirrisulta illi dan il-ftehim verbali kien jesisti u l-ammont mitlub fl-avviz, hu dovut, il-Qorti ser takkolji t-talba attrici dejjem b’riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-atturi a bazi tal-kambjala msemmija izda ukoll a bazi tal-imsemmi ftehim verbali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma ta’ Lm4,900 ossija Euro11,413.93 bl-imghax legali mill-17 ta’ Gunju 2002 sad-data tal-pagament effettivu bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------